**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-PETIZZJONIJIET**

**LAQGĦA NRU 1**

**L-Erbgħa, 26 ta' Ottubru 2022**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Pettizzjonijiet iltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fil-4:52 p.m.

L-Onor. Chris Agius, ippreseda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Charles Azzopardi, l-Onor. Abigail Camilleri, l-Onor. Ivan Castillo u l-Onor. Katya de Giovanni

Preżenti wkoll kien hemm is-Sur Joseph Brincat (Uffiċjal tad-Dwana) u is-Sinj. Maya Dimitrijevic (rappreżentanta tar-ReLeaf Malta).

**XOGĦOL QUDDIEM IL-KUMITAT**

Il-President tal-Kumitat, l-Onor. Chris Agius, ippreżenta għall-informazzjoni tal-Kumitat:

| | |
|---|---|
| Dok. 01 | Lista ta' Petizzjonijiet quddiem il-Kumitat fejn għadha ma bdiext id-diskussjoni |
| Dok. 02 | Lista ta' Petizzjonijiet quddiem il-Kumitat u d-*draft replies* proposti |

Il-Kumitat beda bid-diskussjoni ta' Petizzjoni li kien hemm fuq Dokument Nru 2. Il-President tal-Kumitat staqsa jekk kienx hemm qbil biex jara t-tweġiba li kien hemm għall-Petizzjoni MP-1 li kienet sottomessa mill-Onor. Ryan Callus f'isem 20 Uffiċjal tad-Dwana. L-Onor. Chris Agius qara r-risposta u talab biex is-Sur Joseph Brincat, Uffiċjal tad-Dwana biex jitkellem u jgħaddi l-punti tiegħu rigward din il-materja. Il-Kumitat qabel li din il-Petizzjoni terġa' tgħaddi għand is-Segretarju Permanent għall-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal biex jinforma lill-Kumitat biex ikun jista' jgħid jekk kienx hemm każijiet simili u jekk kienx hemm deċiżjonijiet differenti.

Il-Kumitat għadda għall-petizzjonijiet li kien hemm fid-Dokument Nru 1. Fir-rigward Petizzjoni Nru 1 (Avviż Legali ta' kjarifika dwar l-istatus legali tal-Cannabidiol (CBD) skont l-ATT Nru LXVI tal-2021) L-Onor. Chris Agius stieden lis-Sinjura Maya Dimitrijevic biex tkun tista' tgħaddi dokument biex tkun

tista' issaħħaħ il-petizzjoni. (Dok 03). Il-Kumitat qabel li din il-petizzjoni għandha tgħaddi lis-Segretarju Permanenti għas-Saħħa kif ukoll lil dak tal-Ministeru għall-Ġustizzja.

Il-Kumitat kompla bil-Petizzjoni Nru 2 (Dar tal-Anzjani - Belt Valletta (Petizzjoni Uffiċjali)). Il-Kumitat qabel li għandha tgħaddi lill-Ministeru responsabbli mill-binja tal-Baviera. L-Onor. Castillo xtaq jispeċifika li għalkemm il-Kumitat jaqbel li għandu jkun hemm Dar tal-Anzjani fil-Belt, saħaq ukoll li l-binja deskritta fil-petizzjoni għandha valur ta' wirt kulturali u hija Grade 1 National. Il-Kumitat kompla bil-Petizzjoni Nru 3 (Evans Building - Klinika Kompluta U Ċentru għat-Tfal) li saret mill-istess persuna. Il-Kumitat kien fi qbil li għalkemm hu importanti li l-lokalità jkollhom dawn il-faċilitajiet, il-binja jista' jkun li jkollha skop ieħor ta' użu. Qablu li tgħaddi għand il-Ministeri kkonċernati.

Kien hemm diskussjoni rigward il-Petizzjoni Nru 4 (Inġustizzja ma' pazjenti psikjatriċi) fejn il-Membri saħqu li l-materja tal-petizzjoni hija fil-fatt ta' inkonvenzjenza u inġustizzja ma' pazjenti kemm psikjatriċi u anke pazjenti oħra. L-Onor. Castillo u l-Onor. Katya de Giovanni speċifikaw li kull tabib li ma jaħdimx fid-Dipartiment tas-Saħħa, ma jkunx jista' joħroġ mediċini fuq l-iskema tal-POYC u għaldaqstant il-pazjenti jkunu jridu jixtru l-mediċini minn flushom kif ukoll jista' jħalli effett emozzjonali fuq il-pazjenti li jkunu jridu jibdew il-proċess mill-bidu. Il-Kumitat qabel li tintbagħat lill-Segertarju Permanenti tal-Ministeru għas-Saħħa għar-rimarki tagħhom.

Il-Kumitat kompla bil-Petizzjoni Nru 5 (Reviżjoni tal-bajjiet fejn jistgħu jgħumu l-klieb). Il-Kumitat qabel li għandha tgħaddi lill-Ministeri konċernati, li f'dan il-każ huma l-Ministeru għat-Turiżmu u l-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali għar-rekwiżiti tal-liġi. L-Onor. Abigail Camilleri rrimarkat li bajjiet f'Għawdex għall-annimali hemm tnejn li huma diffiċli li taċċessahom.

Iż-żewġ petizzjonijiet li kien baqa', għad iridu jagħlqu għall-firem. Il-Kumitat qabel li kif jagħlqu, għandhom jitbagħtu mal-ewwel lill-Ministeri kkonċernati. Għar-rigward Petizzjoni Nru 6 (Irrevedu l-absence allowance ta' 25% tal-Free Childcare Scheme), il-Kumitat xtaq jiċċara li ma għandux jinftiehem li biex ma jeħlux flus, it-tfal jintbagħtu l-iskola anke jekk ikunu ma jifilħux. Petizzjoni Nru 7 (Tneħħija tal-bandiera Russa fiċ-Ċentru tal-Belt Valletta). Il-Kumitat saħaq li l-pajjiż għandu jimxi mas-sanzjonijiet li ħareġ l-Unjoni Ewropea u ma jistax jaqbad u jmur kontra dawn is-sanzjonijiet.

Fit-5:34 p.m. il-Kumitat ġie aġġornat għal data li kellha tiġi kkomunikata aktar tard.

**JARED SULTANA**
**SEGRETARJU TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS, MP**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**